# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 519**

**Il-Ħamis 28 ta' Novembru 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Patrick Barbara - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 519.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

519.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjura Angel Gwyn Louiselle Camilleri fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li Angel Gwyn Louiselle Camilleri tkun skużata.

519.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Kaptan Patrick Barbara fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kaptan Patrick Barbara jkun skużat.

## 519.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

519.2.1 Il-minuti tal-517 laqgħa u l-minuti tal-518 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

## 519.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

519.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi r-rebbieħa tal-*Maltese Olympic Commitee Award*s kienu ser jitħabbru matul konferenza stampa li ser issir nhar is-Sibt 7 ta' Diċembru, 2019.

519.3.2 Is-Sindku qal illi kienu tħabbru r-riżultati tal-*European Destination of Excellence (EDEN) Award for Health and Wellbeing Tourism* u nforma lill-Kunsill illi l-lokalità taż-Żejtun kienet ġiet fl-ewwel post, filwaqt li Ħaż-Żabbar ġie magħżul bħala *runner up* f'din il-kompetizzjoni.

519.3.3 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċirkulari numru SPI/07/2019 relatata ma' għajnuna finanzjarja għal xiri t'apparat għal sistemi t'irrigazzjoni u qal illi l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €6,162.59.

519.3.4 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema ta' finanzjament għall-iżviluppi ta' libreriji lokali / reġjonali f'ċentri tal-komunità SPI/10/2019 u qal illi l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €2,846.65.

519.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-finanzjarjament ta' skema Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (Life Long Learning) SPI/SCI/11/2019 u qal illi l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €314.

519.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni sottomessa għall-fond disponibbli mill-Aġenzija LESA kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €4,899.26 sabiex isir xogħol ta' restawr ta' wirt kulturali.

519.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ħareġ il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex isir xogħol ta' restawr fuq in-niċċa ta' San Ġużepp li qiegħda fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq G Agius Muscat.

519.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt laqgħa li kellu mal-GAL Xlokk ġie nfurmat b'applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja amministrata mill-GAL Xlokk. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jaħdem fuqha u jġib fondi għall-finanzjament taħt l-*Urban Improvement Fund*. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill seta' japplika sabiex jagħmel xogħol ta' tisbiħ fis-*soft areas*. Il-Viċi Sindku qalet li hija kienet lesta li tagħti l-għajnuna tagħha f'dan il-proġett.

519.3.9 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir xogħol ta' tisbiħ tas-*soft areas* tal-*Housing Estate* mill-fondi tal-Ewropej.

519.3.10 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jagħmel xogħol ta' tisbiħ fis-*soft areas* li hemm fiż-żona ta' St Peter bil-fondi Ewropej.

519.3.11 Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li jsir xogħol ta' tisbiħ tas-*soft area* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi tal-ispiżerija. Is-Sindku qal illi t-tisbieħ ta' din is-*soft area* kien inkluż fil-proġett mar-*resurfacing* ta' Triq ix-Xgħajra.

519.3.12 Is-Sindku tkellem dwar l-abbuż ta' rimi ta' skart goff maġenb il-*bring in sites*. Is-Sindku qal illi waqt konferenza nazzjonali dwar l-indafa kienet ġiet diskussa din il-problema. Is-Sindku semma li kien hemm lokalitajiet li neħħew il-*bring in sites* mil-lokalità filwaqt li lokalitajiet oħra kienu għamlu rijallokazzjoni tagħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-*bring in sites* li hemm fi Triq San Ġużepp u fi Triq Sant'Antnin jiġu rilokati fi spazju miftuħ fi Triq Villabate, filwaqt li l-*bring in sites* li hemm fi Triq iċ-Ċikas jiġu rilokati fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi.

519.3.13 Fis-6.25 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

519.3.14 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li kien irċieva mingħand uħud mir-residenti ta' Triq iċ-Ċimiterju fejn talbu sabiex jitneħħew l-*iskips*. Is-Sur Mark Grech qal illi dawn l-*iskips* kienu saru fuq talba tar-residenti stess. Is-Sur Buttigieg issuġġerixxa li dawn l-*iskips* jitpoġġew fi Triq il-Misqa. Is-Sur Angelo Scicluna ssuġġerixxa li ssir *CCTV camera* li tagħti għal fuq dawn l-*iskips*. Is-Sur Mark Grech qal illi diġa kien hemm *CCTV camera* tagħti fuq dawn l-*iskips* iżda kienet tneħħit mill-*Cleansing Department*.

519.3.15 Il-Viċi Sindku qalet li waqt laqgħa mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali, il-Kunsill kien talab l-għajnuna tal-Assoċjazzjoni sabiex il-*Cleansing Department* terġa' twaħħal is-*CCTV camera* fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sur Mark Grech qal illi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali kienu għadhom qed isegwu dan il-każ.

519.3.16 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *bins* tal-iskart f'postijiet pubbliċi fil-lokalità, fejn talbu lill-Kunsill jindika l-ammont ta' *smart bins* li jixtieq ikollu fil-lokalità. Is-Sindku żied jgħid li dawn l-*smart bins* kienu ser ikunu ffinanzjati kollha mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li jsir *smart bin* maġenb il-*bus shelters*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob madwar 20 *smart bin* sabiex jiġu nstallati madwar Ħaż-Żabbar. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jitlob ukoll *smart bins* biex jiġu nstallati fi Triq tal-Labour u fi Triq Villabate.

519.3.17 Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkulari AKL 2019/093 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex jinħatar rappreżentant responsabbli mill-komunikazzjoni kemm interna kif ukoll esterna tal-Kunsill Lokali biex jassistu fuq inizjattivi bejn numru ta' Kunsilli Lokali, *stakeholders* u l-pubbliku inġenerali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku kif ukoll is-Sinjorina Ghislaine Bongailas ikunu r-rappreżentati tal-Kunsill.

519.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ġew iffirmati d-dokumenti neċessarji tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinbidel il-*bus shelter* li hemm fi Triq Wied il-Għajn bl-isem 'Ħamra'. Is-Sindku żied jgħid li s-Sur Mark Grech kien ipprepara d-dokumenti mitluba u kien qed jaħdem biex l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali tkun tista' tmexxi l-applikazzjoni tal-Kunsill.

519.3.19 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li l-*bus stop* 'Santwarju' jitressaq għal quddiem il-ħanut tal-*mobiles* biex jitnaqqas it-traffiku fi Triq is-Santwarju.

519.3.20 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta bħala risposta għat-talba sabiex jitwaħħal *bus shelter* fi Triq Villabate faċċata tal-Qasam tad-Djar tal-Plier u qal illi l-Kunsill ġie nfurmat biex iressaq it-talba tiegħu lil Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku żied jgħid li l-kumpanija *356 Holdings Limited* kellha kwistjoni legali mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-*bus shelters*. Is-Sur Mark Grech spjega li l-kumpanija *Faces* hija responsabbli mill-manutenzjoni tal-*bus shelters* u żied jgħid li l-kwistjoni legali mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet minħabba li fil-*legal notice* bi żball kienet tniżżlet il-kelma 'bus shelter*'* minflok il-kelma 'bus stop'.

519.3.21 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jibda l-proċess mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jissaqqaf il-*bus shelter* fi Triq Villabate faċċata tal-Qasam tad-Djar tal-Plier u jsir skont il-ħtiġijiet tal-*bus stop* partikolari.

519.3.22 Is-Sindku rrefera għat-talba li l-Kunsill kien irċieva sabiex *green area* fi Triq il-Marloċċ tiġi rilokata fil-viċinanzi ta' Triq Salvu Astarita u minflok issir *traffic island* li jinkludi post ta' rikrejazzjoni. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob lis-sidien tal-proprjetà jemendaw il-pjanti tat-*traffic island* u minflok il-ħamrija jżiedu aktar spazji għall-parkeġġ. Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jkun hemm

bankina minħabba l-*pedestrians*. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet sabiex il-bankina ssir mad-dawra tat-*traffic island*. Is-Sur Mark Grech talab li jsir *traffic management* taż-żona. Is-Sur Mark Grech qal illi kien hemm xi wħud li kellhom l-aperturi jagħtu f'din il-*green area* u għalhekk talab sabiex il-perit jikkonferma jekk bir-rilokazzjoni tal-*green area* hux ser jiġu affettwati terzi persuni.

519.3.23 Is-Sindku qal illi wara li jsir il-qbil bejn il-Kunsill u s-sidien li ressqu t-talba dwar ir-rilokazzjoni tal-*green area,* għandu jsir kuntratt bin-nutar sabiex l-ispejjeż marbuta ma' dan il-proġett tat-*traffic island* jitħallsu kollha mis-sidien tal-art.

519.3.24 Fis-6.50 ta' filgħaxija s-Sinjura Ghislaine Bongailas talbet li tkun skużata.

519.3.25 Is-Sindku ssuġġerixxa li wara li titlesta t-*traffic island* fil-viċinanzi ta' Triq Salvu Astarita, il-pjazza tingħata l-isem 'Pjazza Karmenu Bonavia'.

519.3.26 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-attivitajiet tal-Milied kienu ser isiru mill-fondi tal-Kunsill peress illi ma kinitx ser tingħata għajnuna finanzjarja mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku tkellem dwar l-attività tal-Milied u żied jgħid li nhar il-Ħadd, 22 ta' Diċembru, 2019 kienet ser issir purċissjoni bil-bambin mill-kappella ta' Santa Marija bil-parteċipazzjoni tal-Grupp tal-I*scouts* ta' Ħaż-Żabbar u tal-membri tal-mużew tas-subien. Is-Sindku qal ukoll illi kien talab lill-Arċipriet ta' Ħaż-Żabbar sabiex wara l-purċissjoni issir quddiesa quddiem il-presepju fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku żied jgħid li t-tiżjin tal-Milied fit-toroq kien ser jinxtgħel fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

519.3.27 Is-Sindku ressaq talba mingħand l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel sabiex jiġi organizzat kunċert mużikali b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

519.3.28 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jorganizza kunċert mużikali ieħor b'kollaborazzjoni mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal illi l-Kunsill għandu jorganizza kunċert mużikali wieħed. Dan peress illi waqt il-laqgħa tal-Kunsill, matul id-diskussjonijiet dwar l-attività ta' *Halloween*, kien ġie ssuġġerit biex il-Kunsill jorganizza attività waħda tal-istess ġeneru.

519.3.29 Is-Sur Joseph Buttigieg talab lista ta' attivitajiet li ġew organizzati mill-Kunsill flimkien mal-għaqdiet lokali.

519.3.30 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk il-Kunsill kienx ser inaqqas in-numru t'attivitajiet li ser jiġu organizzati flimkien mal-għaqdiet lokali. Is-Sindku qal illi din id-deċiżjoni għandha tittieħed meta l-Kunsill ikun qed japprova l-estimi finanzjarji 2020.

519.3.31 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti sabiex jippreżentaw lista t'attivitajiet li jixtiequ jorganizzaw matul is-sena d-dieħla. Dan sabiex jiġu nklużi fl-estimi

annwali. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jiltaqa' mal-għaqdiet lokali sabiex jitlobhom ukoll lista t'attivitajiet li għandhom ippjanati għas-sena d-dieħla.

519.3.32 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk il-vot kulturali kienx ser jibqa' l-istess bħas-snin ta' qabel.

519.3.33 Is-Sur Mark Grech talab sabiex waqt il-laqgħa mal-għaqdiet lokali ikun hemm rappreżentant tal-Kunsill flimkien mas-Sindku. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li s-Sur Joseph Vella għandu jiġi kkonsultat matul il-preparamenti tal-estimi annwali kif ukoll sabiex ikun preżenti matul il-laqgħat mal-għaqdiet lokali. Dan peress illi s-Sur Vella kien responsabbli mid-dekasteru tal-kultura.

519.3.34 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Sinjura Anna Calleja kien attenda laqgħa organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għar-Riformi, u li għaliha kien hemm preżenti ukoll il-Viċi Sindku. F'din il-laqgħa ġiet imħabbra skema finanzjarja li minnha l-applikanti se jkunu jistgħu jirċievu fondi f'kontanti sa massimu ta' €3,000 għal kull proġett eleġibbli.

519.3.35 Il-Viċi Sindku qalet li kienet tħabbret skema '*Archievers'* li hija inizjattiva ta' finanzjament imnedija mis-Segretarjat Parlamentari għar-Riformi mmirata għall-Kunsilli Lokali, Kunsilli Reġjonali, u Organizzazzjonijiet Volontarji. L-għan ta' din l-inizjattiva hi biex il-Gvern ikompli jeduka sa minn etajiet żgħar dwar l-effett li d-droga, tkun ta' liema tip tkun, tista' tħalli fuq saħħet il-bniedem. Minħabba f'hekk nibet il-proġett *Archievers* li l-għan tiegħu hu li jinkoraġixxi liż-żgħażagħ joħolqu u jimplimentaw proġetti li fil-qalba tagħhom hemm il-komunità.

### 519.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

519.4.1 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 t'Ottubru 2019 u t-28 ta' Novembru 2019 li kienet tammonta għal €30,241.31.

### 519.5 Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji

519.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Settembru 2019. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Settembru 2019.

### 519.6 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat

519.6.1 Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat Komunitajiet u l-Integrazzjoni Soċjali. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku.

519.6.2 Is-Sur Joseph Agius talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex Dr Lawrence J.M. Galea u s-Sur Holger Suarez iservu bħala membri fis-Sotto Kumitat għall-Komunitajiet u l-Integrazzjoni Soċjali.

519.6.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-membri proposti jservu bħala membri fis-Sotto Kumitat għall-Komunitajiet u l-Integrazzjoni Soċjali.

519.6.4 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jsir xogħol ta' manutenzjoni fil-bandli ta' Ġnien il-Mistrieħ. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob lil *Foundation for Tourism Zone Development* sabiex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

**519.7 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati**

519.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2019. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill jieħdu l-massimu (6%) tal-*performance bonus.*

519.7.2 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2019.

519.7.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-impjegati tal-Kunsill fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex numru ta' siegħat ta' *vacation leave* tas-sena 2019 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tagħhom għas-sena 2020 peress li ma kienx possibli jagħmlu użu sħiħ minnhom minħabba esiġenzi ta' xogħol. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' it-talba tal-impjegati.

519.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*performance report* tal-ħaddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* għas-sena 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-*performance report.*

**519.8 Deċiżjoni /Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019)

519.8.1 Inqara r-rapport li tħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 7/2019). Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport li sar u qalet illi kienu ġew sottomessi ħames offerti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li offerta waħda biss kienet teknikament tajba iżda il-valur tal-kuntratt kienet għola mill-valur stmat. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti għas-

servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani peress illi l-unika offerta teknikament ammissibbli ma kinitx l-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża, il-valur tal-kuntratt kien għola mill-valur stmat tal-Kunsill u r-rati sottomessi kienu ħafna għola minn dawk li l-Kunsill kien qiegħed iħallas fil-preżent. Is-Sur Grech talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

519.8.2 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex sakemm jintemm il-proċess tal-offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani, il-Kunsill ikompli juża s-servizz tas-Sur David Grech li kien lest li joffri dan is-servizz għall-prezz ta' €4,950, eskluż il-vat, fix-xahar.

519.8.3 Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li fis-sejħa l-ġdida għall-offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani, il-Kunsill jitlob is-servizz ta' sitt kenniesa u kompla jgħid li l-*customer care* tal-Kunsill għandhom jieħdu ħsieb li jaraw li s-sitt ħaddiema jmorru jiffirmaw kuljum il-Kunsill. Is-Sindku qal illi ma kienx jaqbel mas-suġġeriment tas-Sur Mark Grech u dan peress illi Ħaż-Żabbar kbir u l-ħaddiema jkollhom il-karretta xi jġorru magħhom. Barra minn hekk fil-ġranet tax-xitwa l-Kunsill ma jiftaħx qabel it-7.45 ta' filgħodu.

519.8.4 Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa wkoll li l-lokalità tinqasam f'żoni u s-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani tinħareġ bis-sistema tal-*lots*.

519.8.5 Is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill kien għaddej bil-proċess tas-sejħa għall-offerti għall-*contracts manager* u żied jgħid li parti mix-xogħol tal-*contracts manager* kien li jieħu ħsieb jara li jiġu sitt kenniesa.

519.8.6 Is-Sur Joseph Vella qabel mas-Sur Mark Grech u talab sabiex il-kenniesa jiġu jiffirmaw kuljum il-Kunsill.

519.8.7 Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li fis-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani, jitniżżel li jrid ikun hemm minimu ta' sitt kenniesa fil-lokalità u fiċ-ċirkustanzi fejn jinstab li ma jkunx hemm is-sitt kenniesa il-kuntrattur jeħel penali ta' €50 kuljum.

519.8.8 Fit-8.10 ta' filgħaxija, is-Sinjorina Ghislaine Bongailas daħlet lura għal-laqgħa filwaqt li s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

- Xiri ta' vann

519.8.9 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li toħroġ sejħa għall-offerti sabiex jinxtara vann ġdid għall-użu tal-Kunsill.

519.8.10Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għal xiri ta' vann għall-Kunsill. Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Cameron Farrugia u mill-Kunsilliera Ghislaine Bongailas.

519.8.11 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' *contracts manager* (ZLC 8/2019). Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Cameron Farrugia u mis-Sur Brian Farrugia.

519.8.12Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator* (ZLC 9/2019). Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mill-Kunsilliera s-Sinjorina Ghislaine Farrugia u mis-Sur Cameron Farrugia.

519.8.13 Fit-8.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

519.8.14Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani. Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mill-Viċi Sindku u mis-Sur Mark Grech.

519.8.15 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq. Dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mill-Viċi Sindku u mis-Sur Cameron Farrugia.

519.8.16 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li f'każ li xi ħadd mill-membri ma jkunx jista' iservi bħala membru fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti, is-Sindku kien ser jaħtar membru ieħor mis-Sotto Kumitat għall-Innovazzjoni, l-Infrastruttura u l-Proġetti.

## 519.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

519.9.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fid-19 ta' Diċembru kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

519.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi nhar il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru kien ser jorganizza l-aħħar attività għall-anzjani bl-isem 'Nibqgħu Attivi'.

519.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq talba li kien irċieva ~~mingħand l-Arċipriet~~ biex il-Kunsill jipprovdi trasport lill-anzjani Żabbarin sabiex imorru l-quddies nhar ta' Ħadd. Dan peress illi l-vann tal-GIBS kien qadim u ma setax jibqa' jintuża. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lil xi entitajiet sabiex jara jistgħux jipprovdu t-trasport b'xejn lill-anzjani. Emendati

519.9.4 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jiġu nnumerati il-bibien ta' Triq Bieb is-Sultan minħabba li għalissa hemm żewġ toroq bl-istess isem. Is-Sindku qal illi meta jkun hemm għalqa tifred iż-żewġ toroq, it-triq għandha żżomm l-istess isem.

519.9.5Is-Sindku semma l-ħtieġa biex l-bibien ta' Triq il-Kapuċċini jiġu nnumerati.

519.9.6Il-Viċi Sindku semmiet il-ħtieġa li jiġu nnumerati l-bibien ta' Triq in-Nissieġ.

519.9.7 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinux tnaddfu l-*culverts* tal-ilma tax-xita. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

519.9.8Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem dwar il-problema tal-għargħar li hemm fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal illi kien iddiskuta din il-problema mal-Awtoritajiet ikkonċernati.

519.9.9Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi ftit tal-jiem ilu kienet insterqet vettura f'Ħaż-Żabbar minn quddiem ir-residenza tas-sid. Is-Sinjura Calleja talbet biex il-Kunsill jitlob lis-Supretendent jibagħat lill-pulizija tad-distrett iktar ta' spiss sabiex jagħmlu ronda fil-lokalità Is-Sindku qal illi f'lokalitajiet oħra kien inbeda proġett pilota sabiex titħaddem is-sistema ta' *community policing*.

519.9.10Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex titwaħħal mera ma' ħajt ta' razzett li hemm fi Triq Sant' Antnin sabiex is-sewwieqa jaraw min ikun ġej mid-direzzjoni ta' Triq ~~San Ġużepp~~ Sant' Antnin. Emendati

519.9.11Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jiġi rranġat it-taraġ li hemm fuq wara tal-mużew Marija Bambina fi Triq il-Fustan. Is-Sinjura Calleja żiedet tgħid illi meta saret il-bankina kienu tkissru it-tlett tarġiet tad-daħla taċ-ċentru .

519.9.12Is-Sur Joseph Agius talab sabiex issir *crash barrier* quddiem Dar San Ġużepp fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien diġa ressaq din it-talba quddiem Transport Malta.

519.9.13Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi l-*bollards* li hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch kienu tħammġu u talbet biex il-Kunsill javża lil Transport Malta sabiex isir it-tindif meħtieġ.

519.9.14 Is-Sur Joseph Buttigieg talab lill-Kunsill jikteb lil Transport Malta sabiex ~~ir-*road hump*~~ *iz-zebra crossing* li hemm fi Triq il-Vittorja tersaq iktar lejn il-kantuniera ta' Triq tal-Labour u minflok issir *roadhump zebra crossing*. Emendati

519.9.15 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir *traffic management* fiż-żona ta' Triq A Caligari u Triq il-Fiġel. Emendati

519.9.16 Is-Sur Joseph Agius talab li jsir *traffic management* fiż-żona tal-*housing estate* u ssuġġerixxa li Triq iċ-Ċikas issir *one way* u d-dħul għall-*housing estate* minflok isir minn Triq l-10 ta' Settembru.

519.9.17 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas talbet sabiex jiżdiedu aktar *cat shelters* fil-lokalità. Is-Sindku qal illi kien ġie avviċinat minn resident li kien lest jaħdem *feeding stations* tal-injam u l-Kunsill iħallas biss tal-materjal.

519.9.18 Il-Viċi Sindku talbet sabiex ~~jitneħħa~~ jiġi rilokat il-bank li hemm fi Triq is-Santwarju maġenb ħanut tax-xorb peress illi qed jostakola l-bankina għall-persuni b'diżabilità. Is-Sindku qal illi l-bankina kienet wiesa' biżżejjed u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Emendati

519.9.19 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq is-Santwarju maġenb il-ħanut tal-*mobiles* hemm *parking bay* u meta jkun hemm il-vetturi pparkjati kien qed jingħalaq l-aċċess għar-rampa fit-tarf tal-bankina. Is-Sur Agius talab sabiex titneħħa r-rampa u minflok issir rampa oħra fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam.

519.9.20 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq Felice kien hemm arblu li kien qed jiżgombra l-bankina.

519.9.21 Is-Sindku semma l-ħtieġa li tinżabar siġra li kien hemm ħierġa minn residenza privata fi Triq Felice.

519.9.22 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex issir bankina ġdida fi Triq San Ġużepp faċċata ta' Triq Sant' Antnin. Is-Sindku qal illi ma kienx possibbli li ssir bankina peress illi t-triq ma kinitx wiesa' biżżejjed.

519.9.23 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill.

519.9.24 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet sabiex tiġi organizzata *secret santa* fost il-Kunsillieri. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li n-nefqa għandha tkun ta' €10 kull kunsillier.

519.9.25 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jordna 50 djarju tal-Kunsill għas-sena 2020.

519.9.26 Is-Sindku qal illi kien ser jieħu ħsieb sabiex isir tiżjin tal-Milied fil-bini taċ-Ċentru Ċiviku.

519.9.27 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva petizzjoni mingħand ir-residenti ta' Triq il-Ġnien sabiex jitneħħa s-*single yellow line* li kien sar riċentament. Is-Sinjorina

Ghislaine Bongailas qalet li hi kienet ġiet avviċinata minn resident sabiex dan is-*single line* ma jitneħħiex. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li din il-petizzjoni tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**519.10 Mozzjonijiet**

519.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**519.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

519.11.1Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

519.11.2 Il-laqgħa spiċċat fid-8.55 ta' filgħaxija.

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-520 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru, 2019.

Jorge Grech
Sindku